

# Cappella Diacono

**Minn Charles Debono**



Is-sena 1904 ġabet riforma sħiħa fil-mużika sagra fil-knisja kollha inkluż f'Malta. Kien il-Papa San Piju X li bil-famuż Motu Proprio ried jirriforma l-mużika sagra u jagħmilha aktar adattata biex tindaqq fil-knejjes. Sa dak iż-żmien il-mużika sagra f'Malta kienet iddominata minn żewġ Cappelli; dik diretta mill-familja Nani u l-oħra mill-familja Bugeja. Kienet mużika aktar adattata għal ġo xi teatru milli għal-Liturġija Mqaddsa.

Kien f'dan iż-żmien li daħal fix-xena tal-mużika sagra Carlo Diacono li kien qed jitħarreġ għand il-magħruf Paolino Vassallo. Diacono mill-ewwel ħataf l-okkażjoni biex jikkomponi l-mużika tiegħu skont il-parametri tal-Motu Proprio. Hekk insibu li fl-istess sena 1904 huwa esegwixxa disa' responsorji ġodda waqt il-prietki tat-tliet sigħat fil-knisja taż-Żejtun.

**L-ewwel ħjiel tal-Cappella Diacono**

Jekk wieħed jirriċerka l-ħajja bikrija ta' Carlo Diacono għandu jsib li ta' età żgħira ħafna kien diġà jgħaqqad orkestra żgħira tat-tfal ħbieb tiegħu biex jorganizza l-festa ta' San Ġużepp fil-knisja żgħira li kellu. Fis-sena 1892 meta kellu biss 16-il sena huwa idderieġa b'xejn il-mużika tat-Te Deum u l-matutin fil-festa ta' Santa Katarina.

Fis-sena 1894 huwa idderieġa l-mużika kollha tat-tridu u tat-Te Deum dejjem fil-festa ta' Santa Katarina.

Matul dan iż-żmien Diacono kien ukoll organista tal-parroċċa ta' raħal twelidu.



Minn dan kollu jidher ċar illi f'dan il-perjodu huwa diġà kellu l-orkestra tiegħu. Nafu ukoll b'diversi servizzi fil-knejjes filjali taż-Żejtun u l-inħawi minbarra dawk iċċelebrati ġewwa

l-knisja parrokkjali.



Permezz tal-Motu Proprio l-fama ta' Carl Diacono xterdet ma' Malta kollha u beda jiġi mistieden jesegwixxi l-mużika tiegħu f'diversi parroċċi speċjalment bl-Antifoni sbieħ li beda jikkomponi. Maż-żmien il-Cappella Diacono bdiet tieħu sehem fid-diversi festi bħal Ħ'Attard, il-Birgu, Bormla, Santa Tereża f'Birkirkara u f'Bormla, Ħal Għaxaq, Madonna tal-Ġilju – Imqabba, l-Isla, Kalkara, Ħal Lija, Marsaxlokk, Qrendi, Ta' Ġieżu u San Franġisk fil-Belt, Rabat – San Pawl u San Ġużepp, Santu Wistin – Rabat, Kristu Re – Paola, San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar u San Filep u San Ġużepp ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

Fis-sena 1920 huwa ġie maħtur uffiċjalment bħala Maestro di Cappella tal-parroċċa ta' raħal twelidu u mal-mewt ta' Paolino Vassallo, l-Arċisqof Mauro Caruana ħatru Maestro di Cappella tal-Katidral u tal-Konkatidral ta' Malta.

Mal-mewt ta' Carlo f'Ġunju tal-1942 il-Cappella Diacono għaddiet f'idejn ibnu Mro. Frank Diacono li komplpa fejn ħalla missieru u żamm ħajja l-mużika sagra speċjalment fil-festi tagħna.



Iż-żmien ma jaħfrilna lil ħadd u kien wasal iż-żmien meta Mro. Frank kellu jċedi l-bakketta u jgħaddieha lil Mro. Dun Ġwann Galea. Għal kważi 25 sena Dun Ġwann idderieġa lil Cappella Diacono biex b'hekk kompliet it-tradizzjoni tal-mużika sagra komposta minn Carlo Diacono fil-festi Maltin. Matul dan iż-żmien kollu l-propjetarji ħasbu wkoll biex jinnominaw assistent direttur biex jgħin lil Dun Ġwann speċjalment fin-nuqqas tiegħu. Kien intgħażel is-Surmast Ray Sciberras bi dritt tas-suċċessjoni. Lejn l-aħħar tas-sena 201 55 Dun Ġwann għarraf lill-propjetarji li l-aħħar servizz tiegħu kien se jkun fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Bormla.

Hekk mill-1 ta' Jannar 2016 Mro. Ray Sciberras ħa f'idejh it-treġija tal-Cappella Diacono bl-ewwel servizz ikun propju fil-parroċċa taż-Żejtun fl-okkażjoni tal-400 sena Matriċi. Mro. Sciberras mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol u fost l-ewwel riforma li għamel kienet dik li l-Cappella jkollha l-uniformi tagħha. Fil-fatt din ġiet inawgurata din is-sena stess għas-sodisfazzjon mhux biss tal-istess mużiċisti iżda wkoll tal-ħafna ammiraturi tal-Cappella Diacono.